GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Index No: ____________**

------------------------------✂------------------------------

**Il-kandidat m'għandux jikteb ismu fuq l-ebda paġna tal-karta tal-eżami.**

**Il-kandidat għandu jikteb l-*Index Number* darba BISS fl-ispazju pprovdut hawn fuq.**

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Gwardja tas-Sigurtà Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

## MARZU 2026

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **It-Tnejn, 30 ta' Marzu 2026**

**Ħin:** **Siegħa u nofs**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet; Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**

**Taħriġ 1:** **Fil-Kesħa u fis-Sħana** **(20 marka)**

Fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin bdew jidhru l-heaters u l-fannijiet, l-aktar għas-Servizzi Ingliżi li kienu stazzjonati f'Malta bil-familji tagħhom. Dawn mhux bilfors kienu kif nafuhom issa, imma għal dak iż-żmien kienu moderni biżżejjed. Issa, mill-aħħar ftit snin 'il quddiem, daħlu u żdiedu l-air conditioners tajbin għal kull staġun. (par. 1)

Fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri, fil-palazzi u d-djar tas-sinjuri, kien ikun hemm il-fireplace f'xi kmamar biex isaħħan il-kamra bil-ħatab. Għalhekk dawn il-postijiet mhux biss kellhom iċ-ċumnija għad-duħħan tal-fuklar tal-kċina, imma wkoll għal dak tal-fireplace. Fis-sajf, il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann kienu jimpurtaw is-silġ minn Sqallija biex bih jiffriskaw ix-xorb. (par. 2)

Fis-sajf l-antiki kienu jersqu lejn il-baħar. Kienu jmorru familji sħaħ fil-bajjiet popolari, fuq xi karrettun. Mhux kulħadd kien jinżel jgħum. L-anzjani kienu jdendlu saqajhom fil-baħar u jilbsu kappell kbir tat-trizza f'rashom. Ma kellhomx malji mixtrijin, imma lbies tas-soltu li jinxef sakemm jerġgħu jaslu lura d-dar. In-nisa kienu jinżlu bid-dublett li jinfetaħ madwarhom qisu umbrella, u joqogħdu jċafċfu qrib ix-xtajta. F'diversi postijiet, fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, kienu tħaffru banjijiet fil-blat li jinfdu mal-baħar. (par. 3)

Fix-xitwa kienu jilbsu kulma jkollhom. Bosta drabi l-irġiel ixiddu l-kabozza bil-barnuża magħmula mill-ġild tan-nagħaġ. Xi drabi t-tfal kienu jraqqduhom imgezzin f'sodda waħda għas-sħana. Għall-anzjani li jiksħulhom saqajhom malajr, kienu jsaħħnu biċċa żonqra, jew xi biċċa maduma fuq in-nar, ikebbuha f'biċċa ċarruta u jdaħħluha fis-sodda ħdejn saqajhom. Fix-xitwa, il-familji kienu jħobbu jinġabru fil-kċina fejn ikun hemm il-fuklar jew il-kenur, u jlestu xi ikla jew xarba sħuna. (par. 4)

(addattament minn *Ħajjitna fl-Imgħoddi* ta' Guido Lanfranco, mill-ħarġa ta' Mejju 2004 tas-*Sagħtar*)

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Meta ġew introdotti l-heaters u l-fannijiet f'Malta u għal min? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

2. Fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri, kif kienu jikkumbattu l-kesħa u s-sħana? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

3a. Għaliex taħseb li fl-antik in-nies kienu jgħumu bil-ħwejjeġ? (marka)

b. Għaliex taħseb li mhux kulħadd kien jinżel jgħum? (2 marki)

4. Għaliex taħseb li l-kċina kienet l-iktar post importanti għall-familji fix-xitwa? (2 marki)

5. Liema staġun taħseb li kien l-aktar diffiċli għan-nies tal-imgħoddi: is-sajf jew ix-xitwa? Agħti ŻEWĠ raġunijiet biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek skont dak li qrajt fis-silta. (2 marki)

6. In-nies ta' qabel kienu jaddattaw għall-klima b'sistemi naturali. Semmi ŻEWĠ sistemi li impressjonawk u spjega għaliex. (3 marki)

7. Sib u ikteb il-kelma mis-silta li tfisser**:** (3 marki)

| | |
|---|---|
| a. ikessħu (minn par. 2) | |
| b. jgħumu (minn par. 3) | |
| ċ. jilbsu (minn par. 4) | |

8. Oħloq kelma/frażi li tfisser l-istess bħal: (3 marki)

| | |
|---|---|
| a. stazzjonati (f'par. 1) | |
| b. ħatab (f'par. 2) | |
| ċ. imgezzin (f'par. 4) | |

**Taħriġ 2: Is-Sostenibbiltà (30 marka)**

Is-sostenibbiltà tfisser li ngħixu u naġixxu b'mod li jissodisfa l-bżonnijiet tal-lum mingħajr ma nipperikolaw il-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Hija kunċett li jmiss mal-qalba tar-relazzjoni bejn il-bniedem, l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà, u li qed isir dejjem aktar importanti fid-dinja moderna.

Fuq livell ambjentali, is-sostenibbiltà tfisser li nieħdu ħsieb ir-riżorsi naturali bħall-ilma, l-arja, l-art u l-baħar. Dawn ir-riżorsi mhumiex bla tarf, u jekk jintużaw iżżejjed jew b'mod irresponsabbli, jistgħu jispiċċaw jew jinqerdu. Eżempju ċar huwa t-tibdil fil-klima, li qed iseħħ l-aktar minħabba l-użu eċċessiv tal-fjuwils fossili u t-tniġġis. Għalhekk, prattiċi bħal riċiklaġġ, użu ta' enerġija nadifa u tnaqqis tal-iskart huma parti essenzjali minn stil ta' ħajja sostenibbli. Xi eżempji prattiċi sostenibbli huma dawn:

- Jekk nixtru ħxejjex mingħand bdiewa lokali nkunu qed ngħinu lill-ambjent għax jitnaqqsu l-prodotti impurtati minn barra u jonqos it-trasport tal-merkanzija;
- Nużaw l-enerġija tax-xemx jew ir-riħ, minflok iż-żejt jew il-faħam għax dawn ma jispiċċawx u ma jagħmlux ħsara lill-arja;
- Meta tuża l-istess bott jew borża aktar minn darba tkun qed tgħin biex tnaqqas l-iskart;
- Meta nużaw ir-roti, nirkbu l-karozzi tal-linja jew nimxu minflok nużaw il-karozzi privati, inkunu qed inżommu l-arja nadifa u ma niħdux ħafna mill-art għall-bini ta' toroq ġodda jew twessigħ ta' toroq eżistenti.

Madankollu, is-sostenibbiltà mhijiex biss kwistjoni ambjentali. Hija wkoll soċjali u ekonomika. Soċjetà sostenibbli hija waħda fejn kulħadd ikollu aċċess għal edukazzjoni, saħħa, xogħol diċenti u kwalità ta' ħajja tajba. Dan ifisser li rridu naħdmu kontra l-faqar, l-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali. Ekonomija sostenibbli, min-naħa tagħha, tfittex li toħloq tkabbir li jkun fit-tul u ġust, mingħajr ma jeqred l-ambjent jew jisfrutta lin-nies.

Fuq livell individwali, kull persuna għandha responsabbiltà. Għażliet żgħar ta' kuljum, bħal kif nivvjaġġaw, x'nieklu, jew x'nixtru, jistgħu jagħmlu differenza kbira jekk isiru minn ħafna nies flimkien. Anke li nkunu aktar konxji tal-impatt tal-azzjonijiet tagħna huwa pass importanti.

Fl-aħħar mill-aħħar, is-sostenibbiltà hija mod ta' kif naħsbu u ngħixu b'responsabbiltà u rispett lejn dak kollu ta' madwarna. Hija investiment fil-futur tagħna u f'ta' dawk li għad iridu jiġu, sabiex id-dinja tibqa' post fejn jista' jgħix kulħadd b'dinjità u bilanċ.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a) Sostenibbiltà tfisser: (2 marki)

i. Tgħix u taġixxi mingħajr ma tipperikola lil ta' warajk.
ii. Taħseb fik innifsek u ma tagħti kas xejn.
iii. Taġixxi u tgħix, anke jekk tħalli effett negattiv fuq ħaddieħor.

b) It-tniġġis hu wieħed mill-fatturi (2 marki)

i. li jgħin biex ikollna ħajja aħjar.
ii. li jaffettwa b'mod ħażin il-mod kif ngħixu.
iii. essenzjali biex ikollok ħajja sostenibbli.

2. Immarka b'ċirku jekk hux Veru jew Falz. (4 marki)

i. Jekk nixtru mingħand bdiewa barranin xorta nkunu qed ngħinu lill-ambjent. VERU / FALZ

ii. Iktar ma nużaw il-karozza aktar inkunu qed nikkontribwixxu fiż-żieda tal-infrastruttura tat-toroq. VERU / FALZ

3. Semmi ŻEWĠ fatturi importanti biex ikollna soċjetà sostenibbli. (2 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

4a. "Għażliet żgħar ta' kuljum, bħal kif nivvjaġġaw, x'nieklu, jew x'nixtru, jistgħu jagħmlu differenza kbira jekk isiru minn ħafna nies flimkien". X'messaġġ irid iwassal l-awtur b'din l-istqarrija? (2 marki)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

4b. B'liema mod, jekk ngħixu ħajja sostenibbli, inkunu qed ninvestu fil-futur tagħna? Agħti ŻEWĠ eżempji biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek. (3 marki)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**5A. Il-Morfoloġija** **(10 marki)**

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont dak mitlub fil-parentesi/brackets.

Is-sostenibbiltà hija importanti għaliex biha aħna _______________ (verb fl-ewwel persuna plural minn *protezzjoni*) n-natura. L-annimali u l-pjanti għandhom bżonn spazju _______________ (aġġettiv minn *indafa)* biex jgħixu. Jekk aħna sostenibbli, inħallu biżżejjed riżorsi bħall-ilma u l-ikel għall-_______________ (plural ta' *ġenerazzjoni*) ta' warajna. Apparti minn hekk, li naħdmu b'mod intelliġenti huwa mod kif nieħdu ħsieb dak li għandna mingħajr ma nagħmlu ħsara. Fatt kurjuż huwa li jekk kull tifel u tifla fid-dinja jagħmlu azzjoni żgħira kuljum biex ikunu sostenibbli, flimkien huma _______________ (verb minn *STGĦ*) jieħdu ħsieb id-_______________ (kelma oħra flok *pjaneta*) tagħna u jagħmluha post aħjar fejn jgħixu.

**5B. L-Ortografija** **(5 marki)**

Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba minn dawk li hemm fil-parentesi/brackets.

F'dawn l-aħħar (snin/snien) rajna l-ekonomija tikber b'rata (mgħaġġla/mgħaġla), u sostenibbli b'attenzjoni fuq l-ekonomija diġitali. It-teknoloġija, l-innovazzjoni u r-riċerka saru punt ta' referenza għal kull industrija li trid tibqa' relevanti għaż-(żmienijiet/żminijiet) tal-lum. Mhux biss. Il-konsumaturi (llum/illum) il-ġurnata huma aktar konxji ta' dak li jikkonsmaw, minn fejn (ġejjin/ġejin) il-prodotti li qed jixtru u x'effett qed iħallu fuq l-ambjent.

**Taqsima B: Il-Kitba**

**Taħriġ 1: Kummenti fuq blogg elettroniku** **(10 marki)**

Ikteb ftit kummenti, bejn **70 u 80 kelma,** fuq wieħed minn dawn it-titli.

a) Rajt artiklu fuq blogg elettroniku fejn l-awtur iġib argumenti kontra l-logħob tan-nar fil-festi Maltin u jisħaq li għandu jinqata'. Ikteb ftit kummenti, bejn **70 u 80 kelma,** biex tiddefendi l-kultura tal-logħob tan-nar u għaliex taraha importanti li tibqa' ħajja.

*jew*

b) Smajt influencer ewlenija ta' Tik Tok titkellem fuq il-bżonn li jkun hawn aktar dixxiplina fit-toroq Maltin. Ikteb ftit kummenti, bejn **70 u 80 kelma,** biex taqbel magħha u tgħid fejn tħoss li hemm l-akbar nuqqasijiet.

_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________

***dawwar il-paġna għal Taħriġ 2***

**Taħriġ 2: IL-Komponiment Ġenerali** **(40 marka)**

Ikteb komponiment ġenerali ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli:

a) Kulħadd għandu jkun obbligat bil-liġi li jagħmel siegħa eżerċizzju fiżiku kuljum. Iddiskuti.
b) Mixja max-xatt fis-sajf filgħodu kmieni. Iddeskrivi.
ċ) Ikteb rakkont li fih jissemmew l-annimali u l-baħar.

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA**

PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**

PAĠNA VOJTA